MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 691/1999/1

**Francis Bezzina Wettinger u Marianna mart Carmelo Sacco**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**
**IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. B'rikors datat 18 ta' Marzu, 1999, ir-rikorrenti, wara li ppremettew:
Illi huma c-censwalisti tat-territorju denominat "Ix-Xaghra tar-Raghaj" kuntrada "Ta' Ras Bajjada" jew "Ta' Hagar Qim" limiti tal-Qrendi;

Illi skond Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju, 1976, gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65 T.) mit-territorju *de quo* konsistenti f'tlett mija u sittin tomna *circa* kienu qed jigu esproprijati *ai termini* ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 136 illum Kap 88) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghal skopijiet pubblici u cioe` ghall-progett ta' "Izra' u Rabbi" mahsub dakinhar;

Illi effettivament l-art hekk dikjarata mehtiega ghal skopijiet pubblici mhux biss ma ntuzatx ghal dan il-progett izda addirittura l-intimat qabad u kkonceda b'kera lil diversi persuni bicciet minnha wara sejha ghall-offerti skond Avviz datat 4 ta' Ottubru, 1985;

Illi l-art *de quo* qatt ma giet formalment esproprijata u *di piu`* fl-1989, l-intimat informa lill-Ufficju Djocesan ta' l-Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili, *qua* direttarju ta' l-art, illi huwa kien ser jirrilaxxja l-istess art u nsista li r-rikorrenti, jew l-awturi taghhom, *qua* censwalisti, jiffirmaw dikjarazzjoni illi huma jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni;

Illi din id-dikjarazzjoni giet iffirmata mir-rikorrent Francis Bezzina Wettinger biss izda mhux ukoll minn Pietru Spiteri misser ir-rikorrenti l-ohra Marianna Sacco, unika eredi tieghu;

Illi l-art qatt ma giet rilaxxjata lura lill-esponenti u *di piu`* t-tehid taghha jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali ta' l-esponenti billi effettivament ma sarx minnha l-iskop espress fid-Dikjarazzjoni surreferita u minnha bbenefikaw u ghadhom hekk qeghdin jibbenefikaw terzi persuni privati;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ssottomettew illi kien jonqos l-interess pubbliku, element essenzjali biex jillegittima t-tehid ta' proprjeta` privata skond l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol, kif ukoll l-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew, subordinatament, jekk jezisti dan l-interess, tonqos il-proporzjonalita` indispensabbli bejn ir-restrizzjoni tad-dritt fundamentali [u] ta' l-iskop li jrid jigi milhuq;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu sabiex dik il-Qorti joghgobha:

(I) Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tehid tal-pussess ta' l-art *de quo* da parti ta' l-intimat jivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

(II) Konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kompriz id-danni.

Ir-rikorrenti talbu wkoll l-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju ta' l-20 ta' Settembru, 1996, kontra l-intimati.

## IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI

2.1 In risposta l-intimat eccepixxa:-

Illi huwa jopponi t-talbiet tar-rikorrenti ghas-segwenti motivi:

(I) Preliminarjament ir-rikorrenti jridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni;

(II) Illi in kwantu hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess ta' l-Art in kwistjoni li sar fit-23 ta' Lulju, 1976, abbazi ta' l-Att XIV ta' l-1987, l-azzjoni hija inammissibbli *ratione temporis*.

(III) Illi l-art in kwistjoni giet akkwistata ghal skopijiet pubblici u l-bdil sussegwenti ta' l-uzu li jista' jsir minnha u anke t-trasferiment sussegwenti taghha lil terzi ma jnehhux il-validita` ta' akkwist originarjament maghmul ghal skopijiet pubblici. F'dan ir-rigward l-esponent

jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Spira Grech vs Kummissarju ta' l-Artijiet et" li kienet ukoll giet konfermata mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Spira Grech vs Malta" u ghad-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "Scotts of Greenock vs United Kingdom".

(IV) Illi l-art *de quo* hija fil-fatt ukoll mehtiega ghal skopijiet pubblici u l-uzu li sar minnha dejjem kien wiehed legittimu."

## L-ECCEZZJONIJIET ULTERJURI TA' L-INTIMAT

2.2 Illi permezz ta' risposta ulterjuri tal-Kummissarju ta' l-Artijiet gie eccepit ulterjorment:

(I) Illi in kwantu hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess ta' l-Art in kwistjoni a bazi ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija inammissibli in kwantu l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap. 88) hija eskluza mill-operat ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni billi hija ligi li giet fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu, 1962, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni."

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2002, Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qatghet u ddecidiet il-kawza billi pprovdiet bil-mod segwenti:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-intimat in kwantu tirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 47(9) ta' l-istess, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' l-istess intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:-

(I) Tiddikjara u tiddeciedi li l-Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju, 1976, fejn gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65T.) mit-territorju *de quo* konsistenti f'tlett mija u sittin tomna cirka kienu qed

jigu esproprijati *ai termini* ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopjiet Pubblici (gja Kap. 136 illum Kap 88) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghal skopijiet pubblici u cioe` ghall-progett ta' "Izra' u Rabbi" mahsub dakinhar u l-konsegwenti t-tehid tal-pussess ta' l-art *de quo* da parti ta' l-intimat jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *sanciti* fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

(II) Konsegwentement tiddikjara li l-istess Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju, 1976, fejn gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65T.) mit-territorju *de quo* konsistenti f'tlett mija u sittin tomna cirka kienu qed jigu esproprijati ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (gja` Kap. 136 illum Kap 88) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghal skopijiet pubblici u cioe` ghall-progett ta' "Izra u Rabbi" huma nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u wkoll tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kull att maghmul mill-istess intimat *ai termini* ta' l-istess Avviz Numru 401 b'dan li l-istess rikorrenti ghandhom jigu re-integrati fil-pussess ta' l-estensjoni kollha ta' l-istess art originarjament kolpita bl-istess Avviz indikat mahrug a bazi tal-Kap. 136 (illum Kap 88), u b'dan ghalhekk li l-intimat ghandu jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess ta' l-istess art u konsegwentement tordna lill-istess intimat sabiex f'terminu qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jezegwixxi l-proceduri necessarji kollha sabiex effettivament isehh ir-rilaxx ta' l-artijiet in kwistjoni mill-intimat lill-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez, kompriz dawk tal-protest gudizzjarju ta' l-20 ta' Settembru, 1996, kontra l-intimat."

## **L-APPELL TA' L-INTIMAT**

4. L-inimat hass ruhu aggravat bis-sentenza msemmija tat-22 ta' Marzu, 2002 u ghalhekk interpona appell minnha quddiem dina l-Qorti Kostituzzjonali fejn talab ir-riforma ta' l-istess sentenza billi din tigi konfermata in kwantu laqghet

l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-esponent dwar l-applikabbilita *in casu* ta' l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u billi thassarha fil-kumplament taghha u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi l-esponent jissottometti illi s-sentenza appellata hija ngusta fil-parti lamentata ghas-segwenti motivi:

**<u>L-inapplikabilita` ta' l-Att XIV ta' l-1987</u>**

4.1 Illi meta kkunsidrat illi l-esproprju li sar in forza ta' l-Avviz numru 401 ta' l-1976, kien sindakabbli fit-termini ta' l-Att XIV ta' l-1987, l-Ewwel Qorti, ghad illi mxiet fuq l-iskorta ta' sentenza ohra tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Dicembru, 2001, fl-ismijiet "Pawlu Cachia vs Avukat Generali" ma ghamlitx apprezzament korrett ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987.

Illi l-imsemmi Artikolu huwa car fis-sens illi "Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettaq qabel it-30 ta' April, 1987, ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att". Dan ifisser effettivament illi l-Att huwa prospettiv u mhux retrospettiv fl-applikazzjoni tieghu u xejn li sar qabel il-promulgazzjoni ta' dak l-Att ma jista'' jigi sidakat abbazi tieghu.

Illi biex waslet ghall-konkluzjoni taghha, illi minkejja dan l-Artikolu car l-Att xorta kien japplika ghat-tehid illi sar fl-1976, l-Ewwel Qorti qieset illi d-Dikjarazzjoni Presidenzjali li tohrog fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 88 meta art tkun mehtiega ghal skop pubbliku ma tikkostitwix att ta' esproprju izda biss att illi juri l-"hsieb" tal-Gvern li jesproprija liema esproprju l-Qorti qieset illi jsir biss meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment finali. (*"l-ewwel att ta' process kontinwat illi ghadu mhux mitmum"* sent p18)

Illi l-esponent jissottometti illi huwa car illi din l-interpretazzjoni tal-mument ta' l-esproprju m'hijiex korretta u ma tiehux konsiderazzjoni giusta tad-disposizzjonijiet tal-*lex specialis* illi jirregolaw l-esproprju u cioe` l-Kap 88 dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici.

Skond l-Artikolu 12(3) ta' l-imsemmi Kap 88 wara li jghaddi l-perijodu ta' erbatax-il gurnata imsemmi fl-Art 12(2) ta' l-istess ligi "l-awtorita` kompetenti tista' minghajr ebda formalita` tidhol f'din l-art u tiehu l-pussess taghha….u minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm fuq din l-art b'kull ligi ohra jew b'kull dokument jew xort'ohra taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra tkun li tkun li xi hadd li jkollu interess illimitat f'din l-art ikollu jedd li jaghmel".

In vista ta' dan il-poter illimitat li l-Gvern jakkwista fuq art li tkun iffurmat l-oggett ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali fi zmien erbatax-il gurnata mill-istess dikjarazzjoni, certament illi m'huwiex ragjonevoli jew in konformita` mal-ligi illi wiehed iqis illi l-esproprjiu ma jkunx sehh mal-moghdija ta' dawk l-14-il gurnata.

Dan peress illi mid-drittijiet tal-proprjetarju wara t-trapass ta' l-imsemmi terminu ma jibqa' xejn (la l-*ius utendi*, la l-*ius fruendi*, la l-*ius abutendi* u lanqas il-*ius detruendi*) u ghalhekk huwa car illi s-sustanza tad-dritt tal-proprjeta` illi jipprotegi l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja tkun ttiehdet mat-trapass ta' l-14-il gurnata jekk il-Gvern fil-fatt jiehu l-art.

Ghad illi f'dan l-istadju jkun baqa' illi jigi ffissat il-kumpens u illi jsir il-kuntratt finali, il-persuna li minn ghandha tkun giet esproprijata l-art ma jibqaghlha ebda drittijiet ta' sid fuqha u l-kuntratt ta' trasferiment isir mhux allura biex jghaddu xi drittijiet ta' proprjeta` (*utendi, fruendi, abutendi* jew *destruendi*) godda lill-Gvern (li jkun diga` akkwisthom), izda biss ghal skopijiet ta' hlas ta' kumpens.

L-appellant jissottometti illi wiehed ma jistax iqis is-sinifikat tad-dritt tal-proprjeta` f'materja ta' espropriju biss minn ottika tad-dritt privat dwar it-trasferiment ta' proprjeta` taht il-Kodici Civili u minghajr ma jqis il-ligi specjali li tirregola l-espropriju. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha ta' "Sporrong and Lonnroth" irrikonoxxiet ukoll illi jkun hemm tehid ta' possedimenti meta jkun hemm "interference with the substance of ownership" minghajr

ma jkun hemm ebda trasferiment formali. Kieku l-Qorti Ewropeja addottat l-istess interpretazzjoni ta' possidementi li giet addottata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-ismijiet "Pawlu Cachia vs Avukat Generali" (28/12/01) u qaghdet biss fuq x'kien juri r-Registru Pubbliku dwar min huwa s-sid ta' l-art hija certament illi kienet tasal ghal konkluzjoni diametrikament opposta ghal dik li waslet ghaliha ghax f'dak il-kaz il-proprjeta` tal-bini in kwistjoni ma kienitx ittiehdet formalment. Pero` l-Qorti Ewropeja qieset illi f'materja ta' tehid ta' proprjeta` wiehed ghandu jimxi fuq is-sustanza u mhux fuq il-formalita` u qieset ghalhekk illi wiehed jista' jissokkombi espropriju anke minghajr ma dan ikun sar formalment. Din il-filosofija giet ukoll addottata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-ismijiet "Dom Mintoff et vs Prim Ministru" tad-29 ta' April, 1996, pero` fid-decizjoni in re "Pawlu Cachia" il-kwistjoni tal-proprjeta` giet definita f'termini strettament civilistici u formali.

L-esponent jissottometti illi l-interpretazzjoni bazata fuq is-sustanza ta' dak li jkun sar ghandha f'dawn il-kazijiet tipprevali fuq l-interpretazzjonijiet bazati fuq il-formalitajiet u ghalhekk huwa car ili fil-kaz odjern l-espropriju qatt ma seta' jitqies li ghadu ma sarx u, anzi, dan seta' biss jitqies li sar malli l-Gvern ezercita` d-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 12 tal-Kap 88 fl-1976.

**<u>L-irrilevanza ta' "Loizidou vs Turkey"</u>**

L-Ewwel Qorti, bhal din il-Qorti fis-sentenza in re "Pawlu Cachia" iddecidiet illi f'dan il-kaz kien wiehed ta' vjolazzjoni kontinwata ta' drittijiet fondamentali (u allura li kompliet wara l-1987) abbazi ta' bran citat mis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Novembru, 1996, fl-ismijiet "Loidizou vs Turkey".

Illi l-esponent jissottmetti bir-rispett kollu illi l-fatti u l-konsiderazzjoni legali ta' dik il-kawza huma tant *'toto cielo'* differenti minn dawk ta' dik odjerna illi kien assolutament barra minn loku illi wiehed jigbed konkluzjonijiet dwar meta sar it-"tehid" tal-proprjeta` ghall-fini ta' din il-kawza mill-fatt tal-kaz ta' Loizidou.

Il-kaz ta’ Loizidou kien jinvolvi cittadin Cipriott illi kienet tkecciet minn darha u minn artha wara l-invazjoni Torka tal-Punent ta’ Cipru f’Lulju ta’ l-1974. Dik l-invazjoni kienet, kif gie wkoll kunsidrat fl-istess sentenza, giet kundannata mill-Kunsill tas-Sigurta` tal-Gnus Maghquda u kienet meqjusa bhala att illegali illi jivvjola d-dritt internazzjonali. Kien proprju ghalhekk illi l-Qorti Ewropeja kienet qalet illi Loizidou kienet ghadha “the legal owner of the land” minkejja emenda illi kienet saret fil-Kostizzjoni tat-Turkija fl-1985, illi kienet tiddikjara illi “all immoveable properties…shall be the property of the TRNC notwithstanding the fact that they were so registered in the books of the Land Registry Office and the Land Registry Office shall be amended accordingly.”

Certament huwa assolutament assurd illi wiehed iqabbel l-att ta’ espropriju ta’ art mill-Gvern legittimu Malti f’pajjizu ghal skopijiet ta’ reklamazzjoni agrikokla ma’ tehdid forzus ta’ proprjeta` bhala konsegwenza ta’ invazjoni militari straniera kontra d-dritt internazzjonali. Huwa wkoll ingiust ghas-sistema demokratiku ta’ pajjizna illi l-Gvern Malti jigi ekwiparat ghal forza ta’ okkupazzjoni stranjiera, vjolenti u illegali biex titqies il-legalita` ta’ l-azzjonijiet tieghu f’Malta. Kif wasalna sa hawn l-esponent certament illi ma jistax jifhem!

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti illi huwa car illi l-ilment tar-rikorrenti kien eskluz mill-ambitu ta’ l-Att XIV ta’ l-1987 *‘ratione temporis’.*

**<u>L-annullament ta’ Avviz 401 ta’ l-1976</u>**

4.2 Illi meta annullat l-Avviz Numru 401 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta’ Lulju, 1976, l-Ewwel Qorti marret anke oltre dak li gie deciz fil-kawza “Pawlu Cachia vs Avukat Generali” fis-sens illi, kuntrarjament ghal dak li gie deciz fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali f’dik il-kawza, l-ewwel Qorti qieset id-Dikjarazzjoni Presidenzjali ta’ l-1976 bhala nulla meta ma ngiebet l-ebda prova illi l-istess dikjarazzjoni meta harget kienet affetta minn xi nullita`.

Fuq dan il-punt is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali in re "Pawlu Cachia" kienet fil-fatt irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u kkonkludiet illi "id-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali taht ezami ma kellhomx jitqiesu nulli izda kellhom jitqiesu illi kienu minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana b'sehh mid-data tas-sentenza appellata".

**<u>L-evalwazzjoni ta' l-interess pubbliku</u>**

4.3 Illi s-sentenza appellata kienet ukoll ingiusta meta qieset illi l-espropriju ta' l-art in kwistjoni ma sarx fl-interess pubbliku meta fil-fatt irrizultalha mix-xhieda illi l-art in kwistjoni kienet giet uzata ghall-progett ta' reklamazzjoni ta' art ghal skopijiet agrikoli konness mal-progett ta' "Izra' u Rabbi" ghal perijodu ta' sentejn u kienet fil-fatt giet reklamata bhala art agrikola u baqghet tintuza ghal skopijiet agrikoli u soggetta ghal kirjiet agrikoli sa llum.

**<u>Il-mument rilevanti ghall-evalwazzjoni ta' l-interess pubbliku</u>**

4.4 Illi s-sentenza appellata qieset hazin il-mument rilevanti ghall-evalwazzjoni ta' "l-interess pubbliku" fit-tehid ta' art u ddipartiet mill-principju illi l-mument rilevanti huwa l-mument ta' l-espropriju li gie espress b'mod tant car fid-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropeja "Scotts and Greenock Limited and Lithgows vs UK" moghtija fis-17 ta' Lulju, 1989.

F'dik id-decizjoni, il-Kummissjoni Ewropeja kienet esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

"104. With regard to the applicants' complaint that the resale indicated that the nationalisation was not in the public interest it is relevant that Scott Lithgow was nationalised as a part of a major political policy initiative relating to the shipbuilding industry in the United Kingdom. This policy was intended to achieve the complete reorganisation of the industry, and was thought likely to provide the most satisfactory basis upon which to

establish the industry's competitiveness. As the Commission and the Court recognised in Lithgow and Others (Comm. Report para. 377; Court judgement paras. 108 – 110 and 120 – 122), States enjoy a wide margin of appreciation under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) in their assessment of the public interest in relation to a major policy measure of this kind. **In assessing this question it is the public interest at the time of the measure complained of which is relevant.** As the Court stated, the legislature's judgment will be accepted unless that judgment was manifestly without reasonable foundation. However, in view of the political assessment which is required in formulating a policy such as the nationalisation of an industry, it is inevitable in a democratic society that the political perception of such a policy, and hence the policy itself may change from time to time. **The Commission finds that it is not therefore established that the resale could put the public interest of the original nationalisation in doubt."** **(enfasi ta' l-esponent)**

**L-apprezzament tal-'policenricita' tad-decizjoni**

4.5 Illi fis-sentenza appellata l-Qorti meta dahlet biex tissindaka l-uzu li qieghed isir mill-art u l-pjanijiet illi hemm dwar l-uzu futur ta' l-art sostanzjalment assumiet funzjonijiet amministrattivi minflok gudizzjarji u naqset illi tapprezza n-natura "policentrika" tad-decizjonijiet amministrattivi bhalma huma dawk illi jinvolvu l-konservazzjoni ta' siti storici u r-reklamazzjoni ta' art ghal skopijiet agrikoli.

F'dan il-qasam il-kwistjonijiet m'humiex daqshekk semplici illi jippermettu illi jekk ghandu jsir progett dan isir kollu f'daqqa jew isir mill-ewwel ghax tali azzjoni precipituza tqieghed fil-perikolu flus u rizorsi rizervati ghall-htigijiet jew servizzi ohra li tkun qeghdha tipprovdi ghalihom l-amministrazzjoni. Lanqas ma huwa validu l-argument fis-sens illi l-fatt illi l-Gvern ghadda l-art b'kirjiet ghal uzu agrikolu minn terzi jfisser illi l-art m'ghandhiex tintuza fl-interess pubbliku ghax l-iskop kollu tal-progett "Izra u Rabbi" kien fil-fatt ir-reklamazzjoni fl-interess pubbliku ta'

art ghal skopijiet agrikoli, haga li ghadha ssehh tramite l-arrangamenti adoperati sal-lum.

Li jigi argumentat illi l-agrikoltura jekk ma ssirx direttament mill-Gvern (bhal ma kien isir fic-Cina fi zmien Moa Tse Tung) ma tkunx attivita` fl-interess pubbliku huwa, fid-dinja ta' llum, assurd.

F'dan ir-rigward huwa ghalhekk importanti illi l-Qorti tillimita ruhha ghall-iskrutinju dwar jekk il-Gvern agixxiex 'legalment' u ma tidholx fil-kwistjoni dwar jekk il-Gvern mexxiex "sewwa" li mhijiex materja li l-process gudizzjarju jippresta ruhha biex jiddiskuti u biex jiskrutinja.

L-esponent jissottometti bir-rispett kollu illi fil-fehma tieghu l-kawza odjerna tat wisq importanza lill-kritika ghall-operat ta' l-amministrazzjoni (u cioe` jekk din fil-fehma tal-Qorti mxietx "sewwa") u ftit wisq lis-sottiljezzi impliciti fl-analisi tal-legalita`.

Ghaldaqstant l-appellant talab illi dina l-Qorti Kostituzzjonali joghgobha tirriforma l-imsemmija sentenza appellata tat-22 ta' Marzu, 2002, billi din tigi konfermata in kwantu laqghet l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-esponent dwar l-applikabbilita` in casu ta' l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u billi thassarha fil-kumplament tichad it-talbiet tar-rikorrenti appellati bl-ispejjez.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' FRANCIS BEZZINA WETTINGER U MARIANNA SACCO**

5. L-appellati wiegbu hekk:-

5.1 Jigi rilevat mill-ewwel illi s-sentenza appellata hi gusta u timmerita pjena konferma. Jinhass opportun qabel ma jsiru kummeti fuq il-kontenut ta' l-appell interpost, illi jigu brevement elenkati certi aspetti fattwali tal-materja de quo agitur.

5.2 Dawn il-fatti jistghu jigu hekk riepilogati:-

a) B'avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Lulju, 1976, il-konvenut iddikjara li kien qed jesproprja 65 Tomna ta' art appartenenti lill-esponenti;

b) Ghal sentejn din l-art intuzat mill-Korp “Izra u Rabbi” izda mbaghad giet mitluqa.

c) Fl-1985 u fis-snin sussegwenti l-intimat affitta l-art lil terzi u dan permezz ta’ diversi skritturi ta’ kera.

d) Fl-1989 l-intimat informa lid-direttarji tal-art illi kien lest jirrilaxxja l-art izda mbaghad ippretenda li l-enfitewti jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni.

e) Il-Gvern qatt ma fformalizza t-tehid ta’ l-art bl-appozitu kuntratt, u qatt ma hallas ebda kumpens lill-esponenti. Fil-frattemp issokta jgawdi l-art u jisfrutta dan il-godiment bid-dhul mill-kirjiet.

5.3 Issa l-intimat appellant jafferma, alkwantu skorrett guridikament, illi:-
i) “l-persuna li minn ghandha tkun giet esproprijata l-art ma jibqalha ebda drittijiet ta’ sid fuqha”, u

ii) “il-kuntratt ta’ trasferiment isir mhux allura biex jghaddu xi drittijiet ta’ proprjeta` godda lill-Gvern li jkun diga` akkwistahom izda biss ghal skopijiet ta’ hlas ta’ kumpens”.

Din il-proposizzjoni ta’ l-intimat ma ghandha l-ebda fondament legali. Ovvjament is-semplici dikjarazzjoni taht il-Kapitolu 88 ghalkemm produttiva ta’ certi drittijiet, li jistghu jkunu anke importanti, ghall-finijiet ta’ rifless iehor ma tistax tekwivali ghal trasferiment tal-proprjeta`. (Emanuela Falzon noe. Vs Dolores Falzon”, App. Civ. 18 ta’ Marzu 1977). Fil-verita` t-trasferiment ta’ fond esproprijat jehtieg li tirrizulta “ad substantiam et validitatem”, minn att pubbliku u mhux semplicement bl-okkupazzjoni materjali ta’ l-art da parte ta’ l-awtorita` esproprijanti (“Carmelo Vella et Vs. Francis Bezzina Wettinger et noe.”), Kummerc per il-kompjant Imhallef George Schembri, 10 ta’ April, 1980.

5.4 Sa recentement il-Qorti ta’ l-Appell enuncjat dan il-principju ormai saldament stabbilit:-

"Hija teknikament korretta fil-ligi s-sottomissjoni illi ma kienitx valida l-enuncjazzjoni legali illi, bhala konsegwenza tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-ordni ta' l-espropriju, "il-proprjeta`", tghaddi f'idejn l-awtorita` kompetenti. Indubbjament minn mindu tigi pubblikata l-ordni ta' l-espropriju sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur il-Gvern, il-proprjeta` tibqa' 'stricto jure' f'idejn il-persuna esproprijata. Dan johrog car mil-ligi u hu ben stabbilit fil-gurisprudenza." – ("Julian Aquilina et Vs. Ministeru ta' l-Ambjent", 8 ta' Gunju, 2001).

5.5 L-appellanti mbaghad ighaddi biex jigbed ir-riflessjonijiet li ghogob lilu mid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja in re:- "Loidizou Vs. Turkey" u jsostni illi l-fatti f'dan il-kaz ma ghandhomx jitqabblu mal-fatti tal-kaz in disamina. Jafferma illi l-paraguni mhux biss m'humiex oderuzi daqskemm huma odjuzi.

Fir-ricerka tal-fatti u tal-paraguni l-intimat jinsa ghal kollox il-principji dettati mir-raguni u mis-sens ta' gustizzja biex jispicca bir-ritornell illi l-ilment tar-rikorrenti huwa eskluz mill-portata ta' l-Att XIV ta' l-1987 'ratione temporis'.

5.6 Ma jkunx inopportun illi mehud rigward ghall-fatti tal-kaz hawn ezaminat illi ssir debita riferenza ghall-osservanzi ta' din il-Qorti fil-kawza "Pawlu Cachia Vs. Avukat Generali et" moghtija fit-28 ta' Dicembru, 2001.

Forsi s-segwenti brani u estratti minn din id-decizjoni ghandhom jibbastaw biex ghal darba ohra jxejjnu u jannebulaw l-argumentazzjoni ta' l-appellant odjern:-

i) "Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas il-kumpens."

ii) "Il-fattispeci tal-kaz prezenti mbaghad ukoll hu tipiku ta' kazijiet ohra fejn l-Istat ikun hareg id-dikjarazzjoni ta' l-espropriju u ghal decenni jkun ghadu ma hallasx il-kumpens dovut avolja ma jkunx qieghed jaghmel uzu mill-

proprjeta` ghal skop pubbliku li ghalih ikun fl-ewwel lok ittiehed il-pussess taghha. Ikun sahansitra rritjiena tali pussess nonostante li l-iskop pubbliku li ghalih tkun saret id-dikjarazzjoni ta’ l-espropriju, ma jibqax validu jew ghax l-Istat ikun abbanduna l-progett jew ghax jirrizulta li l-progett ma jkunx jestendi ghal fuq l-art de quo, jew ghal xi raguni ohra.”

iii) “Ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju illi d-dritt tal-proprjeta` fuq l-art tibqa’ tas-sid sakemm effettivament jigi pubblikat l-att definittiv li bih din tigi legalment trasferita lill-Gvern. Id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss allura restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjeta` minn sidha….”

iv) “Ma hemm allura xejn istantaneju fid-dikjarazzjoni presidenzjali. Ghall-kuntrarju hi dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma tippriva lill-proprjetarju mid-dritt u mit-titolu li kellu fuq l-art. Tillimitalu biss l-uzu tieghu. Limitazzjoni li l-istat jista`, meta u x’hin irid, inehhi. Chi bolla sbolla.”

v) “Jekk imbaghad jigi konsiderat illi l-limitazzjoni ta’ l-uzu tal-proprjeta` da parti tas-sid kienet effetti ta’ att istantaneju, u cioe` tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali, kienet korretta l-konsiderazzjoni ta’ l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li tali interferenza kienet ta’ natura kontinwata u kienet ghadha tippersisti sal-lum. Interferenza li jekk jirrizulta li kienet ingustifikata sal-punt li tikkostitwixxi lezjoni tal-jedd fondamentali ta’ l-individwu ghad-tgwawdija tal-possedimenti tieghu, setghet u kellha tigi hekk rikonoxxuta li kienet u debitament rettifikata.”

5.7 Fl-ahharnett kwantu ghar-ragonament ta’ l-appellanti fuq il-kuncett ta’ l-“interess pubbliku”, jghid x’jghid l-intimat, is-sitwazzjoni taht konsiderazzjoni f’din il-kawza giet rettament ezaminata mill-ewwel Qorti.

L-intimat jippretendi li l-Gvern ghandu kull dritt u b’arbitrarjeta assoluta jirreklama proprjeta` tal-privat, jaghmilha tieghu qisu xi monarka fewdali, jiddisponi minnha kif u meta jrid, bla ma jhallas kumpens. Dan

skond l-intimat jaghtih il-jedd jinvoka l-argument illi dak li qed jaghmel hu wkoll attivat fl-interess pubbliku.

Ghal darba ohra t-twegiba tinghata minn din il-Qorti fis-sentenza gja` citata "Pawlu Cachia vs. Avukat Generali et":-
"Dawn kienu sitwazzjonijiet li kien jehtiegilhom jigu nvestigati mill-organi gudizzjarji, meta mitluba, bl-applikazzjoni tal-ligi vigenti, interpretata mhux f'termini ta' editti iure imperii jew ordinanzi kolonjali, imma bl-applikazzjoni tal-principji kostituzzjonali u konvenzjonali li jirrikonoxxu t-tgawdija tal-possedimenti ta' l-individwu bhala jedd fondamentali u lill-Gvern id-dritt li jiehu pussess tal-proprjeta` ta' l-individwu ghal skop pubbliku. L-interpretazzjoni tal-ligijiet in materja kellha allura ttendi biex tistabilixxi dak il-bilanc essenzjali f'socjeta` demokratika bejn il-jedd ta' l-individwu u l-bzonnijiet tal-kollettivita` fid-dawl tal-principji tal-proporzjonalita` u mhux bl-invokazzjoni ta' xi difizi ta' l-insindikabilita` ta' atti ta' l-istat mill-organi gudizzjarji ormai felicement sorpassati."

F'dan l-istess kuntest, l-esponenti jirreferu a skans ta' ripetizzjoni, ghar-riflessjonijiet minnhom zvolti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom quddiem l-Ewwel Qorti.

L-appellati ssottomettew illi dina l-Qorti ghandha b'koerenza u logicita` tirriafferma l-konkluzjonijiet ragguntI mill-Ewwel Qorti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-intimat appellant, bhala aggravji ewlenin dwar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, jindika specifikament is-segwenti aspetti:
1) L-inapplikabbilita` o meno ta' l-Att XIV ta' l-1987 u l-irrelevanza tad-decizjoni in re "Loizidou – vs – Turkey" moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ghall-kaz in ezami;
2) L-annullament ta' l-Avviz numru 401 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Lulju 1976;
3) L-evalwazzjoni ta' l-interess pubbliku;

4) Il-mument rilevanti ghall-fini ta' evalwazzjoni ta' l-interess pubbliku.

7. Din il-Qorti sejra tezamina dawn il-lanjanzi fid-dawl ta' dak li jirrizultalha mill-atti tal-kawza u ta' dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti. Qabel ma taghmel dan l-ezercizzju pero`, din il-Qorti jidhrilha li f'dan l-istadju jkun ferm utli u opportun, li tghaddi in rassenja u succintement il-fatti saljenti tal-kawza. Ghalkemm tidher li l-impostazzjoni ta' l-aggravji avanzati mill-intimat appellant huma ta' xejra legali, xorta wahda din il-Qorti hija tal-fehma li l-aspetti legali tal-vertenza ma jistghux jigu ezaminati sew jekk mhux ukoll billi jigu abbinati ma' l-aspetti fattwali tal-kaz. Fi kliem iehor, analizi ta' l-aspetti legali tal-punti in kontestazzjoni trid necessarjament tmur aktar 'il hinn minn semplici ragjonamenti legalistici "in vacuo", divorzjati jew distakkati mill-fatti tal-kaz. L-iter tal-proceduri li ttiehdu u dak li sehh, jew ma sehhx, wara li giet ippubblikata d-Dikjarazzjoni Presidenzjali dwar l-espropriju ta' l-art in kwistjoni, ghandhom rilevanza markata sija fuq l-applikabbilita` o meno ta' l-Att XIV ta' l-1987 kif ukoll fuq in-nullita` o meno ta' l-Avviz numru 401 ta' l-1976 u l-evalwazzjoni ta' dak li ghandu jitqies li gie kondott fl-"interess pubbliku" min-naha ta' l-awtorita` esproprijanti.

8. Il-fatt saljenti tal-kaz in ezami fil-qosor huma s-segwenti:

(a) B'dikjarazzjoni li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Lulju 1976 (ara Dok. MS1, fol.16 tal-process) maghmula mill-President ta' Malta in forza ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (illum Kap. 88), gie ddikjarat li estensjoni ta' art, fil-limiti tal-Qrendi, kienet mehtiega "ghal skop pubbliku" u "illi l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut".

(b) Din l-art b'qisien ta' hamsa u sittin (65) tomna cirka tappartjeni lill-appellati b'titlu ta' enfitewsi temporanja.

(c) Ghal perijodu ta' madwar sentejn, dina l-art giet utilizzata ghall-progett ta' natura agrikola maghruf bhala

“Izra u Rabbi”; in segwitu pero` giet mitluqa u l-progett imsemmi jidher li sfuma.

(d) Permezz ta’ avviz in data ta’ l-4 ta’ Ottubru 1985, l-appellant irreklama l-art ‘de quo’ biex iqassamha f’bicciet lill-privat ghall-htigijiet agrikoli. L-art giet in segwitu affittata lil diversi gabillotti.

(e) Permezz ta’ ittra in data tat-8 ta’ Awissu 1989, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet baghat javza lill-Kurja ta’ Malta, qua direttarja ta’ l-art, illi l-Gvern kien sejjer jirrilaxxja din l-art; izda ried li l-appellati Francis Bezzina Wettinger u Pietru Spiteri (awtur ta’ l-appellata Marianna Sacco), qua enfitewti, jiffirmawlu dikjarazzjoni li biha huma jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni (ara ittra fol. 21 tal-process, Dok. MS 5) relattivament ghal din l-art. Din id-dikjrazzjoni ta’ rinunzja giet iffirmata biss mill-appellat Bezzina Wettinger.

(f) Fl-4 ta’ Settembru 1991, l-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent, li kien jaqa’ taht il-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni, baghat nota qasira lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet (ara Dok CMB 3, fol 125 tal-process) fejn infurmah li l-Plots bin-numri 1 sa 4 fil-limiti ta’ Hagar Qim, u in partikolari Plot numru 1, ma ghandhomx jigu rilaxxjati “*as these (plots)... would be most essential to the Department’s plans”.*

(g) Bejn Gunju 1996 u Frar 1997, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet kiteb ripetutament lid-Direttur tal-Muzewijiet dwar l-art *de quo* sabiex id-Direttur tal-Muzewijiet jinfurmah jekk ghadx hemm interess fuq din l-art billi l-enfitewti rieduha lura fil-pussess taghhom. Fl-ewwel wahda minn dawna l-ittri (ara Dok. CMB, fol. 123 tal-process) l-intimat appellant jitlob “inter alia” hekk (ara l-ahhar paragrafu ta’ l-ittra),
“*Plot 1 had been expropriated by government and subsequently leased for agricultural purposes (today mostly used for bird-snaring). Now that the plans for the Hagar Qim Heritage Park have been finalised it appears that this land lies outside this project and therefore there should be no reason why the land in question should not be released. As the owners are insisting for such release*

*I would be grateful if you could confirm that land in question may be released".* (Sottolinear tal-Qorti)

(h) B'ittra ohra datata is-27 ta' Lulju 2001, id-Direttur tal-Muzewijiet baghat jinforma lid-Direttur, Estates Management Department li l-posizzjoni minn naha tal-Muzewijiet kienet ghadha l-istess kif espressa fl-ittra surreferita tal-4 ta' Settembru 1991, u billi (ara Dok JS 1, a fol. 145 tal-process),
*"The land in question is of the greatest importance to this Department's plans for the development of the Hagar Qim/Mnajdra Archaeological Park. We therefore reiterate that plots 1, 2, 3 and 4 are not to be released."*

(i) Tul dan il-perijodu kollu l-art baqghet tintuza minn diversi gabillotti b'kera ghal sena, rinnovabbli annwalment, mill-Kummisssarju ta' l-Artijiet, l-odjern appellant.

(j) Sal-lum, kuntratt formali ta' trasferiment favur il-Gvern baqa' ma sarx u ebda kumpens ma gie moghti jew imhallas lill-appellati.

Il-pussess ta' l-art *de quo* baqa' pero` f'idejn l-appellant.

Dwar l-inapplikabbilita` ta' l-Att 14 ta' l-1987
9. Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987. Dan l-artikolu kien jistabilixxi kjarament li ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dak l-Att.

Skond l-appellant, l-ewwel Qorti interpretat hazin kemm il-punt dwar meta gie fis-sehh il-mument ta' l-espropriju, kif ukoll kienet skorretta fil-konsiderazzjonjiet taghha dwar id-dispozizzjonijiet tal-*lex specialis* li jirregolaw il-Kap. 88 dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. Din il-ligi, skond l-appellant, taghti lill-Gvern "poter illimitat" fuq art li tkun iffurmat l-oggett ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali fi zmien 14-il jum mill-istess dikjarazzjoni. Kif jghaddi dan it-terminu ma jibqa' xejn mid-drittijiet tal-proprjetarju, hlief ghal dritt ta' hlas ta' kumpens. Minkejja dak li gie ritenut

fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament komposta, in re Pawlu Cachia – vs – Avukat Generali moghtija fit-28 ta' Dicembru 2001, ikun skorrett li l-kwistjoni dwar it-titlu ta' proprjeta` tigi definita "f'termini strettament civilistici u formali." Dan ukoll ghaliex skond l-appellant kif anke gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz "Sporrong and Lonnroth" f'materja ta' tehid ta' proprjeta` wiehed ghandu jimxi fuq is-sustanza u mhux fuq il-formalita`. Ghalhekk isegwi "illi wiehed jista` jissokkombi espropriju anke minghajr ma dan ikun sar formalment".

Skond l-appellant, ghalhekk, fil-kaz odjern huwa car li l-esproprju qatt ma seta' jitqies li ghadu ma sarx. Dan anzi sehh malli l-Gvern ezercita d-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 12 tal-Kap. 88 fl-1976.

10. Fl-ahharnett, il-kaz citat mill-ewwel Qorti fl-ismijiet "Loizidou v. Turkey" deciz mill-Qorti Ewropeja fit-28 ta' Novembru 1996 ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz prezenti billi l-fatti fih kienu ghal kollox differenti.

Huwa car ghalhekk illi l-ilment ta' l-appellati kien eskluz mill-ambitu ta' l-Att XIV ta' l-1987 u dan r*atione* *temporis*.

11. Il-parti appellata ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant. Din issostni, invece, li, ghalkemm is-semplici Dikjarazzjoni Presidenzjali taht il-Kap. 88 taghti certi drittijiet lill-Gvern esproprijant, ma tistax tekwivali pero` ghal trasferiment ta' proprjeta`. Ikun hemm dejjem il-htiega ta' att pubbliku "ad substantiam et validitatem". Is-semplici okkupazzjoni ta' l-art da parti ta' l-awtorita` esproprijanti m'hijiex bizzejjed. Skond il-gurisprudenza taghna, sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur il-Gvern, il-proprjeta` tibqa' *stricto jure* f'idejn il-persuna esproprijata imma xejn izjed minn daqshekk. In partikolari, l-appellati jaghmlu riferenza qawwija lejn id-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Pawlu Cachia – vs – Avukat Generali et, deciza fit-28 ta' Dicembru 2001, fejn gew affermati diversi principji li maghhom, bil-maqlub ta' dak li jsostni l-appellant, huma ghal kollox konkordi.

11. Mir-rikors promotorju jidher li l-appellati bbazaw it-talba taghhom fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, kif ukoll l-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

F'nota ta' sottomissjonijiet da parti ta' l-appellati quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 146 – 155 tal-process u in partikolari f'para 19, fol. 154 tal-process) insibu li gej,
"Eccezzjoni li nghatat mill-intimat tikkoncerna s-setgha tal-Qorti li tezamina l-kaz taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esponenti lesti li jikkoncedu illi limitatament ghal dan l-Artikolu, il-Qorti hi, in virtu` ta' dak mahsub fl-Artikolu 47(9), ezawtorata, minhabba t-trapass ta' zmien, tad-dhul in essere ta' l-Ordinanza ta' l-1935 dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap. 88) milli tiehu konjizzjoni tal-vjolazzjoni dedotta mir-rikorrenti".

Effettivament, l-ewwel Qorti <u>laqghet</u> din l-eccezzjoni ulterjuri. Ma hemm ebda appell incidentali dwarha. Din il-parti tad-<u>decide</u> ghalhekk m'hijiex qeghda tigi attakkata.

12. L-aggravju ta' l-appellant ghalhekk hu fis-sens li in forza ta' l-Att XIV ta' l-1987, u minkejja dak li inghad u gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza <u>P. Cachia – vs – Avukat Generali et</u> tal-25 ta' Dicembru 2001, l-att ta' espropriju "*de quo*" ma baqax aktar sindakabbli mill-Qorti. Difatti, jissottometti l-appellant, l-Artikolu 7 ta' l-Att huwa car fis-sens illi "ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-artikolu 4 ta' dan l-Att". Ghalhekk xejn li sehh jew sar qabel il-promulgazzjoni ta' dak l-Att ma jista' jigi sindakat a bazi tieghu.

13. Jidher wisq evidenti li l-pern kollu tal-kwistjoni fir-rigward ta' l-ewwel aggravju jdur fuq il-punt dwar jekk, f'dan il-kaz, l-att ta' espropriju da parti tal-Gvern kienx gie attwat jew le in definittiva.

Minn naha ta' l-appellant l-espropriju sehh hekk kif ghaddew 14-il jum mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija; filwaqt li l-appellati jsostnu, u l-ewwel Qorti

tathom ragun, li l-espropriju kien baqa’ pendenti, fi stat mhux iffinalizzat u inkonkjuz.

Skond l-appellant, darba li kien hemm interferenza fuq is-sustanza tat-titlu ta’ proprjeta`, ma hux mehtieg ukoll li jsir it-trasferiment formali. Hekk gie deciz fi Sporrong and Lonnroth ta’ l-1982 mill-Qorti Ewropeja, u dan l-insenjament ta’ dik il-Qorti ma jaqbilx ma’ l-interpretazzjoni ristretta u formalistika li temani mid-decizjonijiet lokali fil-kawzi in re Pawlu Cachia – vs – Avukat Generali (Qorti kostituzzjonali 28 ta’ Dicembru 2001) u Dom Mintoff – vs – Prim Ministru (Qorti Kostituzzjonali; 29 ta’ April 1996).

14. Din il-Qorti, filwaqt li taqbel ma’ l-appellant li r-riferenza li saret mill-ewwel Qorti lejn id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja in re Loizidou – v. – Turkey (28 ta’ Novembru 1996) setghet thalliet barra billi l-fattispeci ta’ dak il-kaz kienu differenti, xorta wahda jidhrilha li ma tistax taqbel mar-ragjonamenti avanzati mill-appellant. Apparti l-fatt pero` li hija asserzjoni esagerata li tissottometti li l-ewwel Qorti donnha bbazat hafna mid-decizjoni taghha fuq din is-sentenza.

Fil-fehma tal-Qorti punt ta’ tluq, ibda biex, kellha tkun id-Dikjarazzjoni Presidenzjali nfisha, jigifieri dak li hemm kontenut fiha. Din id-Dikjarazzjoni hija bbazata fuq zewg kondizzjonijiet, jigifieri li t-tehid ta’ l-art minn naha tal-Gvern

(i) huwa mehtieg mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku; u

(ii) illi l-akkwist ta’ l-art ghandu jkun b’xiri assolut.

Billi l-ewwel kondizzjoni tifforma parti minn aggravju specifiku da parti ta’ l-appellant, din il-Qorti sejra tinvestiga dan il-punt aktar ’il quddiem, u ghalissa sejra tikkoncentra fuq it-tieni kondizzjoni.

15. Huwa pacifiku li nonostante t-trapass ta’ aktar minn kwart ta’ seklu (jigifieri mill-1976 sal-lum), l-akkwist ta’ l-art min-naha tal-Gvern b’xiri assolut ghadu ma sehhx. La sar it-trasferiment ta’ l-art b’att appozitu u wisq anqas ma sar xi hlas jew kumpens lill-enfitewti appellati. Minkejja dak li

gie sottomess mill-parti appellanti dwar l-effetti legali "illimitati" minn naha tal-Gvern in forza tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali u l-effetti "istantaneji" taghha, kull ma jirrizulta li gara sal-lum huwa biss dak li l-pussess ta' l-art '*de quo*' ghadda ghand il-Gvern. Il-Gvern seta', kieku hekk ried, u dan a tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 88 jakkwista l-art *de quo* taht forma ohra alternattiva ghal dik ta' "xiri assolut". Di fatti, skond dana l-Artikolu tal-Kap. 88, l-awtorita` kompeteneti setghet takkwista l-art – dejjem ghal skop pubbliku – sew

a) b'xiri assolut; jew

b) ghall-pussess u uzu taghha ghal zmien determinat jew matul dak iz-zmien illi l-bzonnijiet ta' l-iskop pubbliku jkunu jitolbu; jew

c) b'dominju pubbliku.

Il-posizzjoni legali kienet certament tkun wahda diversa li kieku, per ezempju, l-akkwist in ezami sar taht is-subinciz (b), imma dan ma huwiex il-kaz. Il-Gvern minn jeddu ghazel l-ewwel formula, jigifieri dik li jakkwista b'xiri assolut. Ghal raguni li jafha hu biss, il-Gvern, tramite l-awtorita` kompetenti, sal-lum baqa' ma wettaqx tali akkwist. Dak li din il-Qorti, kif diversament komposta, iddecidiet fil-kawza in re Pawlu Cachia vs Avukat Generali et jiggjova ghal kollox dak li qeghdin isostnu l-appellati. Din id-decizjoni mhux bilfors tigi segwita u l-parti appellanti ghandha kull dritt li ma taqbilx maghha u taghti r-ragunijiet taghha ghax ma taqbilx. Wara kollox, dan it-tip ta' dinamizmu legali dejjem ikkaratterizza u ghamel unur lill-gurisprudenza taghna. Fejn, fil-fehma tal-Qorti pero` jippekka serjament ir-ragjonament ta' l-appellant hu li fil-kors ta' l-elaborazzjoni ta' l-aspetti purament legali tal-vertenza, huwa jaghzel, forsi konvenjentement ghat-tezi tieghu, li jiddistakka ruhu mill-fatti attinenti ghall-kaz in ezami. Kif jista' xi hadd jippretendi li akkwista b'"xiri assolut" meta sal-lum la ghadu sar l-att formali ghal fini ta' trasferiment u lanqas gie mghoddi almenu l-hlas relattiv? Fil-lanjanza tieghu, l-appellant donnu jrid jaghti l-impressjoni li din l-evalwazzjoni dwar il-portata legali preciza dwar Dikjarazzjoni Presidenzjali hija xi materja "gdida" u li qatt ma qamet bhalha. Xejn minn dan. F'decizjoni minnhom, fost ohrajn simili moghtija mill-Qorti ta' l-appell fit-18 ta' Marzu 1977 fil-kawza fl-ismijiet

Emmanuele Falzon nomine vs Dolores Falzon gie in fatti ritenut li f'materja ta' espropriju,
"Una volta li l-att ta' trasferiment bejn Gvern u attrici ghadu ma sarx il-proprjeta` ghadha ma ghaddietx f'idejn il-Gvern u dan nonostante l-imsemmija Dikjarazzjoni taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 136 (illum Kap. 88) ghalkemm produttiva ta' certi drittijiet li jistghu jkunu anke importanti ghall-finijiet ta' rifless iehor ma tistax tekwivali ghal trasferiment ta' proprjeta`." (sottolinear tal-Qorti)

16. Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma' dan l-insenjament. Isegwi mela li darba li l-att ta' akkwist ta' l-art *de quo* ghadu ma giex iffinalizzat sal-lum, allura il-procedura ta' esproprijazzjoni ghadha "in corso", u kwindi hija sindakabbli mill-qrati. Risposta cara u tonda ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant biex jimmotiva l-ewwel aggravju tieghu, insibuha fid-decizjoni surreferita in re Pawlu Cachia vs Avukat Generali et ma' liema din il-Qorti wkoll taqbel, fejn gie ritenut li,
"Ghalkemm iz-zewg dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali hargu fl-1969 u ghalkemm anke dawk li huma l-proceduri ghall-akkwist da parti tal-Gvern b'xiri assolut ta' l-artijiet bdew qabel it-30 ta' April 1987, ir-rikorrent, kemm qabel kif ukoll wara din id-data kien assoggettat ghal interferenza fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu.
Tali interferenza ossia nuqqas ta' tgawdija pacifiku tal-possedimenti in kwistjoni, ghalkemm kienet ir-rizultat ta' att istantanju – id-dikjarazzjonijiet ippublikati u nnotifikati skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 88 – kienet interferenza ta' natura kontinwa u li ghadha tezisti sal-lum".

17. Id-dritt ta' azzjoni favur l-appellati johrog mill-kostatazzjoni li l-process ta' esproprijazzjoni, ghalkemm mibdi ghadu sal-lum ma giex ikkompletat. Isegwi mela li l-appellati ghad jistghu jagixxu kontra l-intimat appellant, kif fil-fatt ghamlu; ifisser ukoll li tali azzjoni hija gudizzjarjament sindakabbli minn dawn il-qrati. Aktar ricenti mbaghad, il-Qorti ta' l-Appell in re Julian Aquilina et – vs – Ministeru ta' l-Ambjent deciza fit-8 ta' Gunju 2001 gie mtenni kif gej
"Indubbjament minn mindu tigi ppubblikata l-ordni ta' l-espropriju sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur

il-Gvern, il-proprjeta` tibqa' stricto jure f'idejn il-persuna espproprijata .....

- omissis -

"Dan ifisser li s-sid tal-proprjeta` jigi ezawtorat ghal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibbilita` materjali taghha. Disponibbilita` materjali li naturalment ma testendix ukoll ghad-dritt tat-trasferiment taghha, naturalment soggett ghall-fattur gdid ta' l-espropriju u tal-limitazzjoni li dan necessarjament jimplika." (sottolinear tal-Qorti).

Ghalhekk l-ewwel aggravju dwar insindikabilita` ta' l-azzjoni ta' l-appellanti *ratione temporis* huwa infondat u qieghed jigi konsegwentament respint.

**Dwar iz-zewg aggravji relattivi ghall-"interess pubbliku"**

18. Ghall-fini ta' pratticita`, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina f'daqqa z-zewg aggravji li jolqtu l-"interess pubbliku". Dan qieghed isir ukoll ghar-raguni li dawn iz-zewg aggravji jistghu eventwalment jincidu direttament fuq it-tieni aggravju ta' l-appellant dwar l-annullament o meno ta' l-Avviz numru 401 tal-1976.

19. L-aggravji ta' l-appellant dwar l-element ta' l-"interess pubbliku" jirrigwardaw l-evalwazzjoni maghmulha mill-ewwel Qorti, kif ukoll dwar il-mument rilevanti ghall-fini ta' evalwazzjoni tieghu.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant isejjah is-sentenza appellata bhala wahda "ingusta" u dan peress li mix-xiehda jirrizulta li l-art *de quo* kienet giet uzata ghall-progett ta' reklamazzjoni ta' art ghal skopijiet agrikoli konness mal-progett ta' "Izra u Rabbi" ghal perijodu ta' sentejn, u kienet fil-fatt giet reklamata bhala art agrikola u baqghet tintuza ghal skopijiet agrikoli u soggetta ghal kirjiet agrikoli sal-lum.

20. L-Avviz 401 ta' l-1976 li ta bidu ghall-process ta' esproprijazzjoni ma jindika xejn dwar in-natura ta' l-iskop pubbliku li minhabba fiha nqalghet il-htiega ghat-tehid ta' mizuri ta' din ix-xorta. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-art intuzat mill-Korp "Izra u Rabbi" – ghal skop agrikolu – imbaghad sfat mitluqa wara biss sentejn. Dan ifisser li jekk inizjalment kien hemm tassew progett konkret ghal skop pubbliku, li dan l-istess progett aktar tard sfuma u gie abbandonat. Snin wara mbaghad jirrizulta li l-intimat appellant iddecieda li jaffitta bicciet minn dina l-art lil numru ta' gabillotti. Dan sar evidentement a skapitu anke ta' l-istess appellati ghar-raguni li f'certu stadju l-appellata Marianna Sacco wriet interess li hija tithalla tippartecipa f'din l-iskema pero` l-offerta taghha giet rigettata. Di fatti, Marianna Sacco, permezz ta' affidavit in data tas-7 ta' Mejju 1999, *inter alia* xehdet hekk (ara para. 3, a fol 13 tal-process),

"Fl-1985 il-Kummissarju ta' l-Artijiet hareg 'tender' ghall-kiri ghal skopijiet agrikoli ta' partijiet mill-art taghna. Jiena kont ghamilt offerta ta' Lm100 it-tomna izda din ma gietx milqugha. Hekk ukoll ghamel zewgi li dakinhar kien l-gharus tieghi. Huwa wkoll ma kkwalifikax."

Mis-suespost mela ghandu jirrizulta li, apparti l-kwistjoni dwar jekk l-agir ta' l-awtorita` kompetenti seghetx tassew titqies li saret fl-interess pubbliku, l-art *de quo*, bhala stat ta' fatt ittiehdet ghal skop agrikolu. Fil-kors tal-gbir tal-provi pero` jirrizulta li r-raguni vera li zammet lill-appellant milli jirrilaxxja l-art lura lill-appellati ma kellha x'taqsam ma skop ta' agrikoltura. Jidher invece li meta l-appellant deher propens li jaghti l-art lura lill-enfitewti, huwa rcieva nota xotta xotta (ara kopja, a fol. 92 tal-process) in data ta' l-4 ta' Settembru 1991, mibghuta mill-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent, formanti parti dakinhar mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern, bil-firma ta' l-arkitett R.P. Borg (li ma giex prodott b'xhud in konferma) deskritt bhala "*Architect and Town Planner f/Head of Environment"* li kienet tghid hekk,

"*Re: Acquisition of Land at Hagar Qim from proposed works carried out in this Department for Hagar Qim, it is agreed that plots 1 to 4 be not released as*

*these,particularly plot 1, would be most essential to the Department's plans".*

Minn din in-nota mhux biss ma johrog assolutament xejn dwar x'kien hemm ipprogettat ghall-art *de quo*, u mhux biss ebda zvilupp effettivament ma sehh, imma talli anke l-appellant innifsu ma jidher li kien konvint. Di fatti sa hames snin wara li l-intimat appellant kien ircieva din in-nota mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, huwa rega' kiteb dwarha, din id-darba b'ittra mibghuta lid-Direttur, Dipartiment tal-Muzewijiet, in data tas-6 ta' Gunju 1996 (ara kopja, Dok EMB 1, a fol. 123 tal-process) fejn fiha *inter alia* jinghad espressament hekk:-
"*Plot 1 has been expropriated by government and subsequently leased for agricultural purposes (to-day mostly used for bird-snaring). Now that the plans for the Hagar Qim Heritage Park have been finalised it appears that this land lies outside this project and therefore there should be no reason why this land in question should not be released. As the owners are insisting for such release I would be grateful if you could confirm that land in question may be released".*

Issa apparti li din il-Qorti ssib li l-kontenut ta' din l-ittra jikkontradici dak li qieghed isostni l-appellant (l-awtur ta' l-ittra) b'tant akkaniment fir-rikors ta' appell dwar l-interess jew skop pubbliku, kif qatt din il-Qorti tista' tirrikoncilja l-asserzjonijiet ta' l-appellant, jew ahjar ta' l-abili konsulent legali tieghu, dwar evalwazzjoni korretta ta' x'inhu u x'jammonta ghal "interess pubbliku", meta dikjaratament u "ex admissis" l-appellant stess qieghed jghid li (i) l-uzu attwali ta' l-art hu dak ta' insib ta' l-ghasafar (!) ("bird-snaring") u (ii) li l-pjanijiet ghal "Hagar Qim Heritage Park" jirreferu ghal proprjeta` f'partijiet ohra ta' dawk l-inhawi, pero` mhux ukoll dik in kawza?

21. Minn skrutinju ta' l-atti processwali ghandu jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti li l-intimat appellant gie f'posizzjoni li minnha m'gharafx kif ser jipprocedi. Fl-istess waqt li huwa jghid li sal-lum l-art *de quo* ittiehdet u ghadha wzatha ghal skopijiet agrikoli, jirrizulta li hu stess jghid bl-oppost. Bhala stat ta' fatt imbaghad, l-art *de quo*

ma gietx rilaxxjata lill-appellati u dan mhux minhabba konsiderazzjonijiet ta' natura agrikola, imma ghaliex il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-ewwel permezz tan-nota ta' l-4 ta' Settembru 1991 surreferita u, in segwitu, in forza ta' ittra datata s-27 ta' Lulju 2001, mibghuta mid-Direttur tal-Muzewijiet (ara Dok. JS1, a fol. 145 tal-process) kiteb lill-intimat appellant li l-posizzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet,
"*...as presented in the letter dated 4th September 1991, has remained unchanged*"
u li,
"*The land in question is of the greatest importance to this Department's plans for the development of the Hagar Qim/Mnajdra Archaeological Park. We therefore reiterate that plots 1, 2, 3 and 4 are not to be released".*

Ikun utli f'dan l-istadju li dwar din it-tieni ittra jsiru dawn il-konsiderazzjonijiet, jigifieri li,
(i) din l-ittra inkitbet wara sensiela ta' ittri minn naha ta' l-appellant dwar jekk ghadx hemm il-htiega li l-art in kwistjoni tibqax tinzamm mill-Gvern jew ghandhiex tinghata lura lill-appellati;

(ii) din l-ittra giet mibghuta mid-Direttur tal-Muzewijiet lill-appellant sentejn u erba' xhur wara li kienet gia` giet istitwita l-kawza in ezami;

(iii) minkejja l-accenn fiha ghall-izvilupp ta' l-art *de quo* f'*"Archaeological Park"*, ebda taghrif ulterjuri ma jinghata jew jissemma f'din l-ittra biex jiggustifika n-nuqqas ta' rilaxx ta' l-art lill-enfitewti;

(iv) l-ittra m'ghandha x'taqsam xejn ma' zvilupp agrikolu bhax-xorta imsemmi fir-rikors ta' appell ta' l-appellant u kif ghadu jsostni fit-trattazzjoni ta' l-appell.

22. Jekk qatt kien hemm xi dubju li inizjalment l-iskop li ghaliha giet mehuda l-art mill-pussess ta' l-appellati ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-"*Archaeological Park"*, tirrispondi ghal dan ir-rapprezentanta tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, Carmen Michelle Buhagiar li, riprodotta in kontro-ezami (fol. 130 tal-process), xehdet hekk,

"(Id-Dipartiment tal-Muzewijiet) ma kienx imdahhal fiha ghax ma kellux ghalfejn jidhol. (L-art) ma kienetx ittiehdet minhabba l-*Inheritage* (recte l-"*Heritage"*) *Park,* kienet ittiehdet bhala "Izra u Rabbi".

23. Minn dak li jemergi mill-provi jidher li originarjament kien hemm il-hsieb li l-art tittiehed bhala parti minn progett agrikolu ("Izra u Rabbi"), li in segwitu pero` wara d-dekors ta' sentejn dan il-progett ma tkomplix u safa' abbandunat; li, in segwitu mbaghad bicciet mill-art ta' l-appellati nghataw b'kera, rinnovabbli annwalment, lil terzi; li l-uzu attwali ta' l-art (skond ma ddikjara l-istess appellant) huwa pero` dak ta' l-insib ta' l-ghasafar ("*bird-snaring*"); li ghal diversi snin l-istess appellant deher propens li jirrilaxxja l-art lill-appellati; u li r-raguni ghan-nuqqas ta' rilaxx m'ghandha l-ebda konnessjoni ma' progetti ta' natura agrikola, imma minhabba progett imsejjah "Park Arkaeologiku" li ghadu pero` ma giex rrealizzat minkejja t-trapass ta' aktar minn kwart ta' seklu mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali li saret fl-1976.

24. Din il-Qorti hija tal-konvinzjoni li fi stat ta' incertezza daqstant lampanti dwar x'suppost kellu jsir minnha l-art de quo, hija ma tistax tabbraccja xi wahda mir-ragunijiet imressqa mill-appellant dwar l-evalwazzjoni ta' l-"interess pubbliku". Il-verita` hi li filwaqt li l-appellant jew ahjar il-legali tieghu, ghadu jishaq fuq il-progett agrikolu, din lanqas ma tirrizulta li hija r-raguni vera ghan-nuqqas ta' rilaxx ta' l-art in kwistjoni lill-appellati.

25. Kif tajjeb gie ritenut fid-decizjoni surreferita Cachia vs Avukat Generali et fuq materja simili, l-utilita` pubblika trid tirrizulta pozittivament lill-Qorti. Fi kliem iehor
"Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg......

".....Kien l-istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li

dak il-bzonn jibqa’ jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f’idejn l-istat bit-temm tal-proceduri ta’ esproprijazzjoni”.

26. Skond l-appellant, u dan igibna ghall-aggravju l-iehor dwar il-mument ta’ evalwazzjoni ta’ l-interess pubbliku, illi l-mument rilevanti huwa l-mument ta’ l-esproprijazzjoni. Dan hu sewwa sew, isostni l-appellant, meta giet ippubblikata d-Dikjarazzjoni presidenzjali u ddekkorrew 14-il jum minn dakinhar.

Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha (<u>supra)</u> fis-sens li tali Dikjarazzjoni kienet l-ammont biss ghal <u>parti</u> mill-process ta’ esproprijazzjoni. Process li kellu jintemm meta jsir il-kuntratt definittiv tat-trasferiment ta’ l-art lill-Gvern. Dan sal-lum ma sehhx. Isegwi allura li l-interess pubbliku kellu jibqa’ jissussisti sa dakinhar li jigi ppubblikat dak il-kuntratt. Fil-fehma tal-Qorti wara li l-appellant kien stabbilixxa li l-iskop li ghalih kienet ser tigi esproprijata l-art – jigifieri skop agrikolu – gie abbandunat u ma kellux ghalfejn jara jekk setghax kien hemm xi dipartiment iehor li ma kienx jidhol fil-vicenda li seta’ kellu pjanijiet ohrajn. Meta l-iskop originali u dikjarat spicca, l-istat kellu l-obbligu li – darba li l-espropriju kien ghadu ma avverax ruhu – li jregga’ lura d-Dikjarazzjoni ta’ l-espropriju u jirrilaxxja l-proprjeta` favur sidha. Kif gie ritenut fis-sentenza surreferita <u>P. Cachia vs Avukat Generali et</u>
“Kien minn nuqqas ta’ l-osservanza ta’ dan l-obbligu li originat <u>sa minn dak il-mument</u> il-lezjoni tal-jedd fondamentali tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-possedimenti li kienu u baqghu tieghu. Kien f’dak il-mument li giet disturbata l-proporzjonalita` bejn id-decizjoni tal-Gvern li jibqa’ jcahhad lill-individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu u r-realta` illi kien zvanixxa l-iskop ta’ utilita` pubblika li ghalih il-possedimenti kienu gew originarjament identifikati bhala mehtiega.”

Id-decizjoni fil-meritu ghalhekk kif espressa fis-sentenza appellata tirrizulta allura korretta fil-ligi.

**<u>Dwar l-aggravju ta’ l-annullament o meno ta’ l-Avviz numru 401 ta’ l-1976</u>**

27. L-aggravju ta’ l-appellant f’dan ir-rigward hu li meta l-ewwel Qorti annullat l-Avviz numru 401 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta’ Lulju 1976 kienet legalment zbaljata. Ma ngiebet l-ebda prova da parti ta’ l-appellati,

jghid l-appellant, li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali ta' l-1976 kienet nulla _ab_ _initio_, jigifieri li din kienet affetta minn xi nullita` meta nharget originarjament.

Din il-Qorti ezaminat dik il-parti tas-sentenza appellata li dwarha jirreferi dana l-aggravju. L-ewwel Qorti, wara li laqghet parti mit-talbiet ta' l-appellati billi sabet ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-appellati kif sancit fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, kompliet hekk (ara VIII, konkluzjoni, para 2, a fol. 190 tal-process),
"2. Konsegwentament tiddikjara li l-istess Avviz numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju 1976 fejn gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65T.) mit-territorju de quo konsistenti fi tliet mija u sittin tomna cirka kienu qed jigu esproprijati ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ghal Skopijiet Pubblici (gia` Kap. 136, illum Kap. 88) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghall-skopijiet pubblici u cioe` ghall-progett ta' "Izra u Rabbi", _huma nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u wkoll tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kull att maghmul mill-istess intimat_ ai termini ta' l-istess Avviz numru 401 ....." (Sottolinear tal-Qorti)

28. Din il-Qorti, riferibbilment ghal dana l-aggravju, tibda billi tosserva li fiz-zewg talbiet dedotti mill-appellati fir-rikors promotorju ma saret l-ebda talba specifika fit-termini kif espressi mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. It-talba konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Europea hija maghmulha b'mod generiku hafna fejn il-Qorti giet adita biex "taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti, komprizi d-danni".

29. Lanjanza simili bhal dik in ezami giet ukoll ikkunsidrata fis-sentenza surreferita in re _Pawlu Cachia – vs – Avukat Generali et_ fejn _inter_ _alia_ gie ritenut hekk,
"Minn imkien ma gie kostatat li meta saru l-imsemmija dikjarazzjonijiet (tal-Gvernatur Generali) kienu nulli. Id-dikjarazzjoni ta' nullita` a distinzjoni anke ta' rexissjoni

tfisser li l-imsemmija dikjarazzjonijiet qatt ma kienu legali. Teknikament il-Qorti tasal biex taqbel li dan l-aggravju jista' jitqies bhala wiehed korrett inkwantu aktar milli kwistjoni ta' nullita` tad-dikjarazzjonijiet wiehed kellu jikkonsidra l-effettivita` taghhom oltre l-mument fiz-zmien meta, ghar-ragunijiet fuq esposti, ma baqghux aktar legittimi. 'Nuance' legali li jista' wkoll ikollha effett prattiku. Konsegwentement din il-Qorti tqis illi r-rimedju kellu jinqara fis-sens li d-Dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali kellhom jitqiesu llum bla ebda effett fil-ligi inkwantu gie stabbilit li l-iskop pubbliku li ghalihom gew mahruga u li kien jiggustifikahom ma kienx ghadu jezisti."

Din il-Qorti, mutatis mutandis, jidhrilha li dak li rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza surreferita huwa ghal kollox korrett u taqbel mieghu. Ifisser li dana l-aggravju huwa ggustifikat u qed jigi ghalhekk akkolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-appell ta' l-intimat appellant, tikkonferma s-sentenza appellata bil-precisazzjoni dovuta pero` fis-sens li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali in ezami kif promulgata permezz ta' Avviz numru 401 ta' l-1976 ma kellhiex titqies bhala li kienet nulla izda li kellha invece tigi meqjusa bhala li kienet wahda minghajr effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u dan b'sehh mid-data tas-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a kariku ta' l-intimat appellant Kummissarju ta' l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------